NAXXAR

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 1 - IL-ĦAMIS, 4 TA' APRIL 2013**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-19:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Viċi Sindku |
| | Clifford Galea | Kunsillier |
| | Clinton Sammut | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Alexander Agius | Kunsillier |
| | Pauline Miceli | Kunsillier |
| | Pierre Sciberras | Kunsillier |
| | Louis Bonnici | Kunsillier |
| | Maryanne Cuomo | Chairperson BIC |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |

Pubbliku: Kien hemm numru ta' persuni preżenti

**1. INTRODUZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) introduċa l-laqgħa fejn spjega kif se timxi l-ewwel laqgħa tal-Kunsill. Huwa feraħ lill-membri kollha eletti filwaqt li enfasizza fl-importantza li l-membri kollha jsiru familjari mal-proċeduri tal-Kunsilli Lokali speċjalment mal-proċeduri tal-laqgħat. Huwa informa li kien qiegħed jgħaddi kopja tal-Ordnijiet Permanenti lil kulħadd biex ikunu jistgħu jifluhom u jsegwuhom.

1.2. Imbagħad għadda l-kelma lil Dott. Deguara bħala l-Kunsillier l-aktar anzjan.

**2. INTRODUZZJONI MINN DOTT. MARIA F. DEGUARA**

2.1. Minħabba li kienet ukoll se tagħmel diskors bħala Sindku aktar tard, Dott. Deguara irriservat id-diskors tagħha għal wara li tieħu l-ġurament tal-kariga ta' Sindku u għalhekk għaddiet għas-suġġett li kien imiss fuq l-aġenda.

**3. ĦATRA TA' SINDKU U VIĊI SINDKU**

3.1. Is-SE informa li skont artiklu 25 tal-liġi tal-Kunsilli Lokali, il-persuna li l-aktar li ġabet voti mill-partit li kiseb l-aktar siġġijiet, kellu d-dritt li jieħu l-kariga ta'

Sindku. Huwa għalhekk talab lil Dott. Deguara biex tikkonferma jekk taċċettax il-kariga ta' Sindku. Hija aċċettat u ffirmat l-ittra tal-aċċettazzjoni.

3.2. Saret l-istess proċedura fil-konfront tal-kariga ta' Viċi Sindku u għalhekk is-SE staqsa lil Anne Marie Muscat Fenech Adami jekk taċċettax il-kariga ta' Viċi Sindku. Hija aċċettat u ffirmat l-ittra tal-aċċettazzjoni.

## 4. GĦOTI TAL-ĠURAMENTI TAL-KARIGI TA' SINDKU U VIĊI SINDKU

4.1. F'dan il-ħin Dott. Maria F. Deguara, u wara Anne Marie Muscat Fenech Adami, ħadu l-ġurament tal-kariga ta' Sindku u Viċi Sindku rispettivament fil-preżenza tal-Kummissarju tal-Ġustizzja Dott. Noel Bartolo.

## 5. DISKORS MIS-SINDKU

5.1. Is-Sindku imbagħad għamlet id-diskors tagħha fejn bdiet billi rringrazzjat lin-Naxxarin kollha talli fdaw lill-membri eletti bir-responsabbiltà tat-tmexxija tal-lokalità.

5.2. Is-Sindku rringrazzjat ukoll lill-Kunsillieri kollha tal-leġiżlaturi preċedenti għaliex bil-ħidma tagħhom għamlu suċċess mill-introduzzjoni tal-Gvern Lokali f'Malta. Fl-istess ħin ferħet u awgurat lill-Kunsillieri l-ġodda.

5.3. Is-Sindku nnutat li minn żmien għal żmien il-Gvern juri l-fiduċja tiegħu fil-Kunsilli Lokali billi jgħaddi aktar responsabbiltajiet u esprimiet il-fiduċja tagħha li dan se jibqa' jsir. Huwa għalhekk li l-Kunsilli Lokali ma baqgħux aktar għax-xogħol infrastrutturali biss iżda jaħdmu biex jinxtered it-tagħlim, l-edukazzjoni, l-ambjent u servizzi viċin iċ-ċittadin.

5.4. Hija appellat biex kulħadd ikompli jiġbed ħabel wieħed u jaħdem aktar kif ħadmu l-Kunsillieri fil-passat biex ikomplu jinkisbu riżultati sbieħ kif taw Kunsilli preċedenti. Hija appellat ukoll biex jitwarrab il-partiġjaniżmu biex dejjem joħroġ aktar ġid b'ħidma flimkien.

5.5. Fl-aħħarnett is-Sindku qalet li s-suċċess tal-ħidma tal-Kunsill kien dovut għall-ħidma wkoll tal-amministrazzjoni u l-ħaddiema tal-Kunsill kif ukoll għal numru ta' voluntieri.

## 6. ĠRANET U ĦINIJIET TAL-LAQGĦAT TAL-KUNSILL

6.1. Kien hemm qbil unanimu li l-ħin tal-laqgħat l-aktar konvenjenti għall-maġġoranza tal-Kunsillieri kien fis-7:30pm.

6.2. Il-Kunsill qabel ukoll li l-aktar ġurnata li takkomoda l-kulħadd kienet il-Ħamis. Għalhekk kien hemm qbil li, sakemm ma tinqalax xi ħaġa straordinarja li jkollha tinbidel il-ġurnata, il-laqgħat jibdew isiru l-Ħamis fis-7:30pm.

## 7. LISTA TA' RESPONSABBILTAJIET

7.1. Is-Sindku pproponiet li din id-darba l-ewwel ħaġa li kellha tkun approvata kienet il-lista ta' responsabbiltajiet u x'jaqa' taħt kull responsabbiltà.

7.2. Hija talbet ukoll li, biex fil-laqgħa li jmiss il-Kunsill ikun jista' jassenja r-responsabbiltajiet, kull Kunsillier għandu jġib miegħu fuq karta miktuba r-responsabbiltajiet li jixtieq u xi jkun qiegħed jipproponi li jwettaq fl-erba' snin li ġejjin. B'dan il-mod il-Kunsill ikun jista' jevalwa x'qiegħed ikun suġġerit filwaqt li, la darba tali Kunsillier ikun mogħti responsabbiltà jkun hemm impenn akbar

biex dak li ssemma jitwettaq. Il-Kunsill ikun jista' wkoll jevalwa x'sar xogħol meta jqabbel ma' dak li jkun ġie mwiegħed mill-Kunsillieri filwaqt li jħeġġeġ u jgħin lill-Kunsillier meta jkun meħtieġ.

7.3. Hawnhekk is-SE saħaq li, għalkemm Kunsillier ikun responsabbli minn qasam partikulari, xorta waħda finalment huwa responsabbli mill-oqsa kollha tal-Kunsill u għalhekk il-Kunsill irid jaħdem bħala tim wieħed magħqud għaliex b'hekk joħroġ ħafna aktar ġid.

7.4. Imbagħad il-Kunsill għadda biex japprova l-lista ta' responsabbiltajiet varji.

7.5. Dwar id-dawl tat-toroq kien hemm qbil li dan ma jkunx assenjat lill-Kunsillieri iżda jibqa' f'idejn l-Amministrazzjoni.

7.6. Meta wasal fil-qasam tar-Relazzjonijiet Pubbliċi kien hemm qbil li dan il-qasam m'għandux ikun assenjat lill-Kunsillieri iżda jibqa' f'idejn l-amministrazzjoni. Dwar dan kulħadd qabel minbarra l-Kunsillier Sciberras minħabba li se jiżdied ħafna xogħol fuq l-Amministrazzjoni.

7.7. Waqt id-diskussjoni dwar il-qasam tal-*customer care* kien hemm diskussjoni dwar xi problemi li l-Kunsillieri jisimgħu mir-residenti. Il-Kunsillier Sciberras saħaq li hemm bżonn li jkun hemm ħidma akbar biex isir aktar *follow-up.* Is-SE ikkonferma li hemm bżonn li jsir dan għaliex anki hu xi drabi ma jkunx jista' jiġġustifika nuqqasijiet li jkun hemm. Hu informa li diġà kien beda din il-ħidma bil-koperazzjoni tal-istaff u l-ħaddiema u infatti kienu qed jaħdmu fuq sistemi biex jiffaċilitaw dan. Hawnhekk kien hemm kunsens li l-amministrazzjoni għandha tkun attrezzata bis-sistemi kompjuterizzati ħalli kun hemm kontrolli akbar u informazzjoni dettaljata dwar xi jkun qiegħed jiġri.

7.8. Is-SE informa li numru mir-responsabbiltajiet normalment ikunu f'idejn is-Sindki. Dawn normalment jinkludu l-Affarijiet Legali, il-Finanzi u l-infurzar u s-sigurtà lokali.

7.9. Kopja tal-lista kif approvata hija annessa f'A.

## 8. TMIEM IL-LAQGĦA

8.1. Qabel ma l-laqgħa ġiet fi tmiemha l-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir il-Ħamis 18 ta' April 2013 fis-7:30pm.

8.2. Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fid-20:50.

| | |
|---|---|
| **Maria F. Deguara** *MD,MMCFD* | **Paul Gatt** *Dip.Mgmt (Henley), MIM* |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

**A**

**FUNZJONIJIET LI GĦANDU JKOLLHOM KUNSILLIER RESPONSABBLI:**

| ***Qasam*** | ***X'jinkludi*** |
|---|---|
| **Affarijiet Legali** | • Bye Laws |
| **Ambjent** | • Inizjattivi ambjentali għal ambjent sostenibbli.<br>• Edukazzjoni ambjentali.<br>• Problemi ta' tniġġis.<br>• Ħidma ma' għaqdiet Ambjentali. |
| **Animal welfare** | • Kuxjenza favur l-annimali.<br>• Attivitajiet li jiffukaw fuq l-annimali.<br>• Faċilitajiet għall-annimali. |
| **Anzjani** | • Faċilitajiet għall-anzjani.<br>• Day Care Centre. |
| **Dawl tat-toroq** | • **Responsabbiltà Amministrattiva.** |
| **Edukazzjoni** | • Kuntatt mal-iskejjel tal-lokal.<br>• Organizzazzjoni ta' korsijiet inkluż Life Long Learning. |
| **Familja** | • Inizjattivi favur in-nisa.<br>• Inizjattivi favur it-tfal.<br>• Taħriġ lin-nisa biex jidħlu fid-dinja tax-xogħol.<br>• Assistenza Soċjali.<br>• Attivitajiet għall-familja kollha. |
| **Finanzi** | • Skrutinju tal-kuntratti.<br>• Skrutinju ta' offerti li jidħlu.<br>• Skrutinju tal-fondi tal-Kunsill u tar-rapporti finanzjarji. |
| **Ġonna** | • Manutenzjoni u kura tal-ġonna u soft areas.<br>• Titjib fil-ġonna eżistenti.<br>• Kampanja 34U.<br>• Kuntratt tal-ġonna.<br>• Manutenzjoni u kura ta' planters u pots.<br>• Tisbieħ tat-toroq permezz ta' pjanti u fjuri.<br>• Ħarsien tas-siġar. |
| **Immaniġġjar tal-Iskart** | • Kuntratt tal-ġbir ta' skart kemm imħallat kif ukoll separat.<br>• Inizjattivi favur immaniġġjar aħjar tal-iskart.<br>• Kuxjenza dwar il-problemi kkaġunati min-nuqqas ta' separazzjoni tal-iskart.<br>• Attivitajiet edukattivi dwar il-bżonn tas-separazzjoni tal-iskart.<br>• Kampanji ta' edukazzjoni dwar żamma tal-ħinijiet u ġranet tal-ħruġ tal-iskart.<br>• Faċilitajiet għar-rimi ta' skart (skips, Bring in sites eċċ) |
| **Indafa Pubblika** | • Kuntratt tal-knis tat-toroq kemm urbani kif ukoll rurali.<br>• Kuxjenza favur iż-żamma tal-indafa.<br>• Faċilitajiet għar-rimi tal-iskart (Litter bins).<br>• Kampanji kontra l-ħmieġ tal-annimali fit-toroq.<br>• Attivitajiet edukattivi dwar l-indafa. |
| **Infrastruttura** | • Xogħlijiet ta' toroq.<br>• Manutenzjoni ġenerali.<br>• Bini ta' ġonna ġodda.<br>• Xogħlijiet ta' bankini.<br>• Proġetti ta' tisbieħ. |

| | |
|---|---|
| **Infurzar u Sigurtà Lokali** | • Kuntatt mal-Kumitat Reġjonali.<br>• Kuntatt mal-Pulizija.<br>• Informazzjoni lill-pubbliku relatata mal-infurzar u s-sigurtà. |
| **Ippjanar Lokali** | • Skrutinju tal-applikazzjonijiet għall-iżvilupp fil-lokalità.<br>• Laqgħat u attendenza l-MEPA f'każijiet ta' żviluppi kontroversjali.<br>• Ippjanar lokali (*master plans* eċċ). |
| **Sports** | • Attivitajiet sportivi.<br>• Kampanji edukattivi favur l-eżerċizzju fiżiku.<br>• Faċilitajiet sportivi. |
| **Konsumatur** | • Informazzjoni għall-konsumatur.<br>• Inizjattivi u servizzi għall-konsumatur. |
| **Kultura** | • Storja tal-lokal.<br>• Attivitajiet kulturali.<br>• Kura tas-siti storiċi.<br>• Informazzjoni dwar il-wirt lokali.<br>• Kuntatt mill-qrib ma' għaqdiet li jippromwovu l-wirt Naxxari.<br>• Kuntatt ma' organizzazzjonijiet li jħarsu l-wirt storiku u kulturali bħal Heritage Malta u s-Sovratendenza tal-Wirt Kulturali.<br>• Heritage walks/trails. |
| **Kummerċ** | • Inizjattivi favur il-kummerċ lokali.<br>• Kuntatt man-negozjanti.<br>• Informazzjoni dwar servizzi disponibbli għan-negozji. |
| **Latrini Pubbliċi** | • Żamma tal-latrini pubbliċi.<br>• Titjib tal-latrini. |
| **Librerija** | • Attrezzar tal-librerija bil-kotba u faċilitajiet elettroniċi.<br>• Attrezzar strutturali.<br>• Kampanji u attivitajiet favur il-qari. |
| **Persuni b'Diżabilità** | • Aċċessibilità għal kulħadd kullimkien.<br>• Informazzjoni għall-persuni b'diżabilità.<br>• Taħriġ speċifikament għall-persuni b'diżabilità (li ma jkunux l-istess korsijiet offruti taħt l-edukazzjoni).<br>• Taħriġ u informazzjoni lill-familjari ta' persuni b'diżabilità. |
| **Proġetti tal-Ewropa** | • Minħabba li għal kull settur b'xi mod jista' jkun hemm possibilitajiet ta' fondi, din ir-responsabbiltà tikkonsisti fl-iffaċilitar u l-ġbir ta' informazzjoni dwar possibiltajiet ta' proġetti biex ikunu kkomunikati lill-Kunsillieri responsabbli minn oqsma partikulari. |
| **Protezzjoni Ċivili** | • Informazzjoni dwar perikli li jeżistu fid-djar.<br>• Informazzjoni dwar servizzi disponsibbli li jipproteġu liċ-ċittadin.<br>• Kordinazzjoni ta' protezzjoni ċivili fil-lokalità possibilment bil-ħolqien ta' sezzjoni ta' protezzjoni ċivili.<br>• Protezzjoni ċivili fl-attivitajiet organizzati. |

| | |
|---|---|
| **Relazzjoni mal-Għaqdiet** | • Kuntatt mill-qrib mal-għaqdiet.<br>• Kordinazzjoni mal-għaqdiet fil-festi u l-attivitajiet.<br>• Pubbliċità ta' attivitajiet u inizjattivi mill-għaqdiet. |
| **Relazzjonijiet Internazzjonali** | • Ġemellaġġi.<br>• Kuntatti internazzjonali. |
| **Relazzjonijiet Pubbliċi - Responsabbiltà Amministrattiva b'konsultazzjoni mal-Kunsill** | • Il-pubblikazzjonijiet tal-Kunsill.<br>• Stqarrijiet għall-Istampa.<br>• Organizzazzjoni ta' konferenzi stampa.<br>• Il-website ġenerali tal-Kunsill.<br>• Social media.<br>• Avviżi u reklami dwar attivitajiet.<br>• Reklamar fit-toroq. |
| **Saħħa** | • Taħriġ dwar is-saħħa.<br>• Faċilitajiet mediċi aħjar għar-residenti.<br>• Informazzjoni dwar servizzi tas-saħħa li jeżistu. |
| **Saħħa u Sigurtà f'postijiet pubbliċi (Health and Safety)** | • Informazzjoni dwar is-sitwazzjoni ta' postijiet pubbliċi mil-lat ta' saħħa u sigurtà.<br>• Assikurazzjoni ta' sigurtà fil-postijiet kollha pubbliċi. |
| **Servizzi mill-uffiċċju u l-Kura tal-Klijenti** | • Taħriġ għall-impjegati.<br>• Faċilitar tas-servizzi lill-pubbliku.<br>• Manutenzjoni tal-uffiċini tal-Kunsill.<br>• Attrezzar tal-uffiċini bl-aħjar teknoloġija possibbli.<br>• Effiċjenza fis-servizz lill-pubbliku. |
| **Teknoloġija u l-Informatika** | • Faċilitajiet elettroniċi għar-residenti f'postijiet pubbliċi.<br>• Inizjattivi favur l-użu tat-teknoloġija.<br>• Kampanji biex tnaqqas id-*digital divide*.<br>• Iffaċilitar biex is-servizzi tal-Kunsill ikunu online.<br>• Kampanji biex ir-residenti jużaw is-servizzi online. |
| **Traffiku u Trasport** | • Immaniġġjar aħjar tat-traffiku.<br>• Manutenzjoni ta' tabelli u marki tat-traffiku.<br>• Kampanji edukattivi dwar regolamenti tat-traffiku.<br>• Titjib tat-trasport pubbliku.<br>• Faċilitajiet aħjar ta' parkeġġi. |
| **Turiżmu** | • Inizjattivi biex jiżdied it-turiżmu lokali.<br>• Faċilitajiet u informazzjoni għat-turisti. |
| **Żgħażagħ** | • Għall-fini ta' proġetti tal-UE huma meqjusa żgħażagħ dawk ta' bejn it-13 u t-30 sena.<br>• Attivitajiet għaż-żgħażagħ.<br>• Kunsill Lokali taż-żgħażagħ.<br>• Inizjattivi ma' u għaż-żgħażagħ.<br>• Taħriġ speċifikament għaż-żgħażagħ. |
| **Żoni Rurali** | • Osservanza tat-tindif tar-toroq rurali.<br>• Manutenzjoni tat-toroq rurali.<br>• Faċilitajiet fil-kampanja.<br>• Titjib fid-dehra taż-żoni rurali. |

| | |
|---|---|
| **Ġbir ta' informazzjoni** | • Ġbir ta' informazzjoni eżistenti mingħand l-NSO.<br>• Diskussjonijiet ma' uffiċjali ta' NSO dwar informazzjoni addizzjonali meħtieġa/ Pjan u preparazzjoni tal-istħarriġ.<br>• Assistenza għall-ħruġ ta' offerti għal dan is-servizz jekk ikun il-każ.<br>• Stħarriġ dwar il-possibiltà ta' finanzjamenti mill-UE.<br>• Tmexxija tal-istħarriġ u l-analiżi tal-informazzjoni. |